# *Ad Multos Annos* Dun Karm Mifsud



Kitba u ritratti ta' Victor B. CARUANA

## Il-Kappillan Onorarju tas-Soċjetà jagħlaq sittin sena saċerdot

Is-Soċjetà Filarmonika Nicolò Isouard, f'isem il-Kumitat u l-Membri tifraħ lil Dun Karm Mifsud f'għeluq is-sittin sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Dun Karm u l-familja tiegħu minn dejjem kellhom konnessjoni ma' dan il-Każin, għalhekk barra milli nifirħulu, xieraq li nagħtu xi tagħrif dwaru.

## Bidu tal-karriera ta' Saċerdot u ta' Għalliem

Dun Karm twieled fil-parroċċa tal-Mosta fl-10 ta' Lulju 1921 mill-ġenituri Salvu u Ġiovanna mwielda Vella. Hu tgħammed il-Mosta mill-Arċipriet Dun Pawl Mallia. Hu rċieva l-Ewwel Tqarbina u l-Griżma ta' l-Isqof fl-istess ġurnata mill-Isqof Dun Mauro Caruana meta kellu seba' snin. Huwa ħa l-ewwel edukazzjoni tiegħu fl-Iskola Primarja tal-Mosta, u wara daħal is-Seminarju Arċiveskovili bħala student intern u wara li spiċċa l-kors kollu ġie ordnat Saċerdot mill-Arċisqof Mikiel Gonzi fil-11 t'Awwissu 1946. Huwa ċċelebra l-*Prima Messa* fl-1 ta' Settembru 1946.



***Dun Karm Mifsud dakinhar ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu fil-11 t'Awwissu 1946. (ritratt: Joseph A. Vella)***

Dakinhar kienu ġew ordnati 26 saċerdot minbarra numru ta' reliġjużi. Fosthom kienu ġew ordnati tlett saċerdoti oħra Mostin: Dun Salv Magro, Dun Pawl Buhagiar u Dun Salv Zammit. Dawn it-tnejn ta' l-aħħar huma mejtin. Minn dan il-grupp ta' Saċerdoti - ħamsa biss għadhom ħajjin, fosthom Dun Ġużepp Vella ta' l-Imġarr, Malta.

Wara l-Ordinazzjoni, Dun Karm beda jaqdi d-dmir tiegħu ta' Saċerdot fil-Parroċċa tal-Mosta f'dak li hu Quddies, Qrar u Tqarbin. Fl-istess sena huwa għadda bħala Għalliem fl-Iskejjel Primarji tal-Gvern. Huwa beda din il-karriera twila fil-Manikata, fejn dam ħames snin. Din l-iskola ġiet trasferita għall-Pwales fejn għamel ħames snin oħra. It-tfal ta' dawn l-iskejjel ġew trasferiti għall-skola ġo dar f'San Pawl il-Baħar fejn huwa kompla bħala għalliem. Wara xi żmien, inbniet l-iskola l-ġdida ta' San Pawl il-Baħar, li ħadet post din id-dar. Dun Karm kompla jgħallem hawn sa ma spiċċa fl-1979.

## Dun Karm fi żmien il-Gwerra

Dun Karm minn dejjem kien avventuruż ħafna. Fi żmien it-tieni gwerra dinjija (1939-1945) waqt xi attakk mill-ajru, minflok ma kien jinżel fix-xelter bħal ħaddieħor, dejjem kien ifittex xi post vantaġġjuż biex ikun jista' jsegwi aħjar dak li kien ikun qed jiġri. Hu kien iħobb jitla' fil-kampnar tar-Rotunda, ġeneralment fejn hemm il-qanpiena l-kbira, u joqgħod jara x'kien ikun qed jiġri f'diversi partijiet ta' Malta. Fid-9 t'April 1942 wara nofsinhar kien hemm fuq u ra l-bombi neżlin fuq diversi partijiet ta' Malta.

Hu ra splużjonijiet kbar f'diversi nħawi ta' Malta. Dakinhar kien wieħed mill-agħar attakki fuq Malta, u kienu ġġarrfu bosta djar u ħafna nies tilfu ħajjithom. Kienet iġġarrfet il-koppla ta' l-Imqabba, u l-knisja tal-Kalkara ġġarrfet kompletament. Iżda hu ftit kien jobsor li kienet se tintlaqat ukoll ir-Rotunda. X'ħin ġara dan, niżel jiġri ġol-knisja, fejn ra konfużjoni sħiħa, ġebel fl-art u sħaba kbira ta' trab. L-aktar ħaġa li laqtitu dak il-ħin kienet it-toqba magħmula mill-bomba fil-koppla. Minn fuq dan il-kampnar huwa ra wkoll żewġ ajruplani Ġermaniżi jintlaqtu minn *Fighters* Ingliżi u jiġġarrfu fil-Mosta - wieħed fi Triq Mattew Callus u ieħor n-naħa tal-Blata l-Għolja.

Fil-bidu tal-gwerra - meta kien għadu Seminarista - waqt xi attakk mill-ajru, kien iħobb jitla' fuq il-bejt tas-Seminarju, biex jara dak li kien ikun għaddej. Dak iż-żmien, is-Seminarju Arċiveskovili kien fil-Furjana, fejn illum hemm il-Kurja. Minn hemm kien ra l-attakk fuq l-*H.M.S. ILLUSTRIOUS* fil-Port il-Kbir. Dan kien ħalla ħerba sħiħa fit-Tlett Ibliet, il-Belt u l-Furjana - fejn kienet inqerdet Ħafna propjeta u bosta nies tilfu ħajjithom.

Minn dakinhar is-Seminaristi bdew jintbagħtu jorqdu d-dar kull fil-għaxija. Mhux hekk biss, iżda s-Seminarju ġie trasferit għall-Konservatorju Vincenzo Bugeja fil-Fleur-de-Lys. Hawn kien iservi wkoll bħala Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija u parti oħra minnu kienet sptar. Dun Karm jiftakar bosta attakki fuq il-Mosta, fosthom meta mietu bosta nies fix-xelter ta' Triq Gafà, kif ukoll

il-qerda tal-familja Riolo u l-familja Bugeja qrib ferm tar-residenza tiegħu.

## Diversi karigi fil-Mosta

Ftit wara li qaddes, Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi kien ħatru Kappillan tal-Kor tas-Seminaristi fil- Kon-Katidral ta' San Ġwann. Dun Karm kien ukoll prokuratur tal-Ġimgħa l-Kbira fil-Mosta għal 26 sena sħaħ. Hu ħa ħsieb sabiex ġiet irranġata xi ħsara li kien hemm fil-vari, saru xi tiswijiet fil-bankuni u dawn ukoll illustrati. Fi żmienu sar il-biċċa l-kbira tal-vestwarju li jintlibes mill-persunaġġi ta' din il-purċissjoni.

Dun Karm kien ukoll prokuratur tal-festa ta' San Ġużepp fil-Mosta għall-24 sena. L-istatwa ta' San Ġużepp, li tinħareġ fil-purċissjoni kien ilha li nġabet minn Marsilja fi Franza. Bl-inizjattiva tiegħu sarilha xi restawr u sgraffit bid-deheb madwarha kollha. Ix-xogħol kien sar mid-ditta Coleiro tal-Belt Valletta.

## Viċendarju fil-Bidnija u nħawi oħra fil-Mosta

Dun Karm Mifsud għamel 17-il sena bħala Viċendarju fil-Bidnija, fejn kien imur iqaddes, iqarar u jqarben. Dak iż-żmien ir-residenti tal-Bidnija kienu neqsin minn ħafna bżonnijiet. Bit-tħabrik tiegħu mal-Kurja u mal-Ministru tax-Xogħlijiet Dr. Joseph Spiteri, saret l-arkata l-ġdida fuq il-wied, u ddaħħal għall-ewwel darba s-servizz tad-dawl elettriku u t-telefon fil-Bidnija.

Huwa rranġa l-ħsara li kien hemm fil-koppla tal-knisja tal-Bidnija, u poġġa statwa ġdida ta' Kristu - maħduma minn Marco Montebello fil-faċċata ta' l-istess knisja. Huwa qajjem il-festa hawnhekk, kif ukoll ħadem biex saret l-istatwa titulari minn Michael Camilleri Cauchi t' Għawdex.

Huwa għamel 17-il sena jqaddes kull nhar ta' Ħadd fil-Kappella ta' l-Isperanza. Huwa jqaddes kuljum fil-ParroĐĐa fil-5.30 a.m. u tas-6.45 a.m. għand is-Sorijiet Agostijani sal-ġurnata tal-lum.

## Passatempi ta' Dun Karm

Huwa tassew diffiċli tgħid x'kienu l-passatempi ta' Dun Karm matul iż-żminijiet, għax kien dilettant ta' ħafna affarijiet u kien kapaċi jmidd idejh għal kollox. Dun Karm huwa arloġġar magħruf, inġenjuż ħafna u kien kapaċi jsewwi bosta apparat elettroniku. Huwa minn dejjem kien dilettant kbir tal-karozzi, tal-fotografija u ta' l-arti.

Jien ċert li ħafna nies jafu lil Dun Karm, iżda ftit jafu bit-talent artistiku tiegħu. Meta kien ferm iżgħar, kien ipinġi biż-żebgħa taż-żejt, bil-karbonella u bl-*acryllic*. Kien ipinġi wkoll b'teknika partikolari li kienet ferm popolari fi Franza madwar erbgħin sena ilu. Kien jibda billi jpinġi disinn bil-lapes fuq l-injam. Imbagħad kien juża ponta rqiqa tal-platinum, li kienet tiġi msaħħna minn kurrent elettriku, li kien jgħaddi minn transformer.

Dun Karm kien jgħaddi din il-ponta taħraq bi preċiżjoni minn fuq l-*outline* tad-disinn li kien għamel qabel fuq l-injam. Din il-biċċa għodda li kien għamilha huwa stess kienet tissejjaħ '*Poacheur*'. Wara, kien jimla l-kumplament tal-kwadru b'żebgħa li kien iġib apposta minn Franza.

Dun Karm għandu erba' kwadri mill-isbaħ, magħmula b'din it-teknika. Dawn huma xeni tassew sbieħ intitolati - 'Ir-Ragħaj', 'Ir-Ragħajja', 'Il-Ħassada' u 'l-Qtugħ ta' l-Għeneb'. Hu għandu erbgħa kwadri biż-żebgħa taż-żejt tassew sbieħ, li għamilhom ftit wara l-gwerra. Kif qalli hu, billi kien jagħmilhom bħala delizzju, kien ipinġi ġeneralment fuq folji rqaq ta' l-injam, minflok fuq it-tila. Din hi tassew ħasra għaliex għalkemm baqgħu sbieħ, ġarrbu xi ħsara minħabba s-susa. Tnejn minn dawn huma - '*Ġesù jqajjem lil-Lazzru mill-Mewt*', u 'Ġesù fl-Ort tal-Ġetsemani'. Fost ix-xogħlijiet tiegħu bil-karbonella laqtuni ħafna l-erba' qaddisin kbar tal-Knisja - San Gregorju l-Kbir, San Tumas Aquinas, San Ġilormu u Santu Wistin.

## Konnessjoni kbira mal-Każin Nicolò Isouard

Kemm missieru Salvu kif ukoll zijuh Dun Pawl Mifsud, kif ukoll Dun Karm innifsu kienu kollha arloġġara magħrufa kif ukoll kienu nġenjużi ħafna. Dan Dun Pawl kien ħadem vjolin u kuntrabaxx li kienu jdoqqu missier Dun Karm. Dun Pawl kien għamel ukoll xkubetta oriġinali - u mhux replika - u biha rebaħ il-Midalja tad-Deheb tal-*British Empire Exhibition* fl-1911. Huwa ħadem ukoll l-orgni ż-żgħir li jinsab fil-gallarija tal-kor tar-Rotunda, u li jinsab fuq in-naħa tal-lemin tal-kwadru titulari. Huwa kkompona wkoll xi marċi funebri li ġieli ndaqqu mill-Banda Nicolò Isouard. Dun Pawl Mifsud miet f'Ottubru 1939.

Missier Dun Karm - Salvu - kien bravu ħafna fil-mużika. Huwa kien idoqq il-klarinett u l-kuntrabaxx kif ukoll kien jgħallem il-mużika u kien kapaċi wkoll bħala surmast tal-mużika. Wara l-ewwel gwerra dinjija (1914-1918), kien ħadem ħafna biex reġgħa qajjem fuq saqajha l-Banda Nicolò Isouard. Dak iż-żmien kien hawn għaks kbir u għalhekk bosta mill-bandisti kienu emigraw - l-aktar lejn l-Amerika. Mro. Salvu Mifsud idderieġa l-Banda Nicolò Isouard mill-1914 sa l-1922, sa ma mar idoqq mal-Banda La Vallette. Salvu Mifsud kien idoqq il-kuntrabaxx ma' l-orkestra fir-Rotunda waqt il-festa titulari, kif kien jagħmel ukoll ħuh Vincenzo li kien idoqq l-obwe f'din l-istess orkestra. Mro. Salvu Mifsud miet f'Novembru 1971.

Dun Karm Mifsud għamel 17-il sena sħaħ bħala Direttur Spiritwali tal-Każin Nicolò Isouard. Huwa dejjem ħa parti fl-attivitajiet tal-Każin konnessi mal-Knisja. Huwa qatt ma falla jqaddes il-Quddiesa ta' l-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar tal-Qalb ta' Ġesù fil-Każin, il-Visti tal-Ġimgħa l-Kbira, u dejjem ħa parti fil-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira. Illum Dun Karm huwa Kappillan Onorarju ta' din is-Soċjetà Mużikali.



*Kwadru kbir sabiħ magħmul minn Dun Karm Mifsud bit-teknika tal-'Poacheur' msejjaħ 'Ir-Ragħaj'.*



*Pittura biż-żejt - xogħol Dun Karm Mifsud - jisimha 'Ġesù jqajjem Lazzru mill-Mewt'.*



*Kwadru ieħor mpinġi bl-istess teknika bl-isem ta' 'Ir-Ragħajja'.*




*Xogħol ieħor bil-karbonella ta' Dun Karm - 'San Tumas Aquinas'.*



*Kwadru ieħor maħdum bl-istess teknika bl-isem ta' 'Il-Ħassada'.*




*Xogħol ieħor sabiħ ta' Dun Karm Mifsud bil-karbonella - 'S. Hieronymus' (San Ġlormu).*



*Ir-raba' kwadru tassew sabiħ maħdum bl-istess teknika tal-'Poacheur' u jismu 'Il-Qtugħ ta' l-Għeneb'.*



*"Il-Kafè ta' Frè"!*
*Qabel ma jmur iqaddes tal-11.00 fil-Kappella ta' San Anton Abbati, Dun Salv Magro jgħaddi siegħa kuljum fil-ħanut ta' "Frè l-Mastrudaxxa" fejn jgħidu "xi kelma jew tnejn" u jixorbu naqra kafè flimkien. Dan "Frè" huwa Franġisk Tonna li sebbaħ ir-Rotunda u l-Kappella ta' San Anton Abbati b'xogħlijiet mill-isbaħ fl-injam. Meta kellu tnax-il sena u Dun Salv kien għadu Seminarista, Frè kien fis-sagristija tar-Rotunda, jitkellem ma' Dun Salv meta l-bomba Ġermaniża nifdet il-koppla. Fir-ritratt naraw lil Dun Salv bil-kappell tal-qassisin, li ilu jilbsu mindu qaddes l-ewwel darba! Jingħad li hawn Malta, huwa l-uniku qassis li għadu jilbsu, iżda kif qalli Dun Salv stess, Għawdex baqa' Saċerdot anzjan ieħor li għadu jilbsu. Dun Salv biss għadu wkoll jilbes il-berittin hu u ħiereġ biex iqaddes kull fil-għodu! (ritratt: Victor B. Caruana)*

## Nifirħu wkoll lil Dun Salv Magro

Kif għidna aktar qabel, Saċerdot Mosti ieħor ferm ħabrieki - li wkoll ħa l-Ordinazzjoni tiegħu flimkien ma' Dun Karm sittin sena ilu - huwa Dun Salv Magro. Huwa twieled il-Mosta fis-16 t'April 1920. Wara li qaddes sar Prokuratur Ġenerali tal-Knisja Arċipetali tal-Mosta u dam f'din il-kariga għal 19-il sena sħaħ.

Matul dan iż-żmien, dun Salv ħa ħsieb li jsiru bosta xogħlijiet importanti fosthom il-kisi tal-parti ta' fuq tal-koppla tar-Rotunda bir-ramm, bħala protezzjoni kontra l-ilma tax-xita, u sar id-damask tal-festa. Dun Salv kompla z-zokklatura bl-irħam fl-erba' kappelli tar-Rotunda, kif ukoll bi spejjeż personali tiegħu kesa bl-irħam il-koppletta ta' San Ġużepp.

Dun Salv ħadem ħafna biex sar il-bankun il-ġdid ta' Santa Marija, il-ventartali tal-fidda għall-artali tar-Rużarju u ta' San Pawl, kif ukoll diversi triehi tal-bellus aħmar, b'disinn tar-rakkmu tad-deheb għall-artali tar-Rotunda. Fl-1949 huwa bena mill-ġdid il-Kappella tal-Kunċizzjoni, li tinsab ħdejn l-entratura ta' Ta' Qali u li kienet iġġarrfet fl-aħħar gwerra. Barra minn hekk, Dun Salv ilu għal bosta snin jieħu ħsieb iż-żewġ Kappelli antiki ta' San Anton Abbati u ta' San Silvestru.

Lil Dun Karm Mifsud u lil Dun Salv Magro nifirħulhom għal dan l-anniversarju tassew sabiħ, u f'isem il-Mostin kollha nirringrazzjawhom tal-ġid kbir li huma wettqu fil-Mosta u mal-Komunità Mostija. Minn qalbna nawgurawlhom *AD MULTOS ANNOS*.


**George Tonna**
**Tel: 21 412204 Mobile: 9942 5234**
**Point View Garage, New Street in Fort Road, Industrial Zone - Mosta**
Għal kull xogħol fl-injam bħal twieqi, bibien, kċejjen, eċċ, kif ukoll ħdim ta' arbli tal-festi

**Tune Dor**
**Ladies Clothing & Accessories**
**255, Main Street, Mosta • Tel: 2142 2283**